# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 204/2019JPG**

**Kawza Numru : 25**

**SD**

**vs**

**SA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SD, datat 8 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti tiddikjara illi l-partijiet fil-kawza de quo izzewgu nhar it-tlettax t'Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed [13.10.2001] (ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, bl-ismijiet ta' AA u KA f'X u f'Y bl-eta ta' C-il sena u D snin rispettivament;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku datat 26 ta' Frar, 2016, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (ara kuntratt anness u mmarkat Dok C) madanakollu il-partijiet kienu ilhom ma jghixu flimkien ghal iktar minn sena qabel u cioe' minn Frar tas-sena 2015;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jghixu hajja independentement minn xulxin;*

5. *Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

6. *Illi l-intimat jivversa s-somma ta' €441 fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri, liema manteniment jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja;*

7. *Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda propjeta' in komuni;*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi SA huwa kontumaci;

Rat illi minkejja li gie akkordat il-fakolta' li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini ta' Art 158(10), Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-intimat baqa' inadempjenti (Vide verbal 10 ta' Lulju 2019);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-13 t'Ottubru 2001 u kieun ottjenew is-separazzjoni personali fis-26 ta' Frar 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Qalet illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li t-tnejn ghadhom minuri u versu liema l-intimat ihallas manteniment b'mod regolari skont kif miftiehem fil-kuntratt. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Ottubru 2001 (vide Dok A, a fol 4) u li minn dan iz-zwieg huwa kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 26 ta' Frar 2016 (vide Dok.C fol 5 et seqq.), izda ilhom jghixu separatament minn Frar 2015.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li gie pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**